DIPARTIMENT TAL-INFORMAZZJONI
*DEPARTMENT OF INFORMATION*
MALTA

# Press Release

**PR 182058** **27.09.2018**

**STQARRIJA MILL-UFFIĊĊJU TAL-ISPEAKER**

***Inawgurata l-wirja ta' proġetti ta' riċerka xjentifika 'Science in the house 2018'***

L-I*speaker* Anġlu Farrugia inawgura s-seba' edizzjoni tal-Wirja ta' Proġetti ta' Riċerka Xjentifika *Science in the House 2018*. Din il-wirja qed tiġbor flimkien għadd ta' esebiti relatati ma' diversi proġetti ta' riċerka xjentifika. Din il-wirja hija mtellgħa mill-Università ta' Malta, mill-*Malta Chamber of Scientists,* mill-*University Research Trust* (RIDT) u mill-*European Researchers' Night / Science in the City Consortium*.

Fid-diskors tiegħu, l-I*speaker* faħħar il-ħidma u x-xogħol tal-akkademiku u l-istudjuz bl-għan li titjieb il-ħajja u l-għixien tal-bniedem. Fis-sena meta l-Belt Valletta hija l-Kapitali Kulturali Ewropea, l-I*speaker* semma r-relevanza bejn ix-xjenza u l-kultura. Sabiex nifhmu sew il-kultura tal-ġnus Ewropej, jeħtieġ li ngħarblu sew l-oriġini tal-karattru nazzjonali jew insibu l-karatteristiċi komuni li jgħaqqdu flimkien il-popli tal-Ewropa. Dan possibbli biss jekk nistudjaw u nifhmu l-imġieba tal-popli Ewropej. Hu saħaq fuq l-istudju tal-filosofija, ix-xjenza ta' kif evolva l-ħsieb tal-bniedem tul iż-żmien, u l-apprezzament tal-ġrajjiet storiċi tal-Ewropa, u tenna wkoll li kull studju m'għandux ikun ristrett b'mod riġidu għall-konfini politiċi u ġeografiċi tal-Ewropa, iżda jrid iħares lil hinn, jiġifieri lejn l-Afrika, l-Asja u l-Amerka. B'hekk il-perspettiva tal-akkademiku u l-istudjuz tkun waħda aktar wiesgħa li tkopri d-dar komuni tal-umanità, id-dimensjoni globali.

F'dan il-kuntest, l-akkademiku jeħtieġ jimraħ, kif jagħmlu l-operaturi ekonomiċi, fis-swieq internazzjonali sabiex jiżgura li l-programmi tar-riċerka jindirizzaw il-ħtiġijiet tal-persuna fil-kuntest kulturali tagħha. Huwa saħaq fuq l-importanza li l-istudji tax-xjenzi, tal-arti u tal-istudji umanistiċi jkunu relevanti għall-isfidi tal-lum u żied jgħid li rridu nifhmu li għalkemm programmi ta' riċerka jkunu siewja, dawn iridu jkunu aċċettabbli f'termini aktar wiesgħa, inkluż fil-qafas kulturali u dak morali tal-bniedem, ġens, poplu u nazzjon.

Il-pubbliku huwa mistieden iżur din il-wirja fil-Parlament ta' Malta, mil-lum sat-Tlieta, 2 ta' Novembru 2018. Matul il-ġimgħa, il-wirja se tkun miftuħa bejn id-09.00 ta' filgħodu u l-5.00 ta' wara nofsinhar, u matul is-Sibtijiet u l-Ħdud, bejn id-09.00 ta' filgħodu u nofsinhar.

Matul il-ġurnata tal-Ġimgħa, 28 ta' Settembru 2018, fil-Belt Valletta se jkun qed jittella' l-avveniment annwali dwar it-tagħlim xjentifiku *Science in the City.* Għal din l-okkazjoni, il-wirja fil-Parlament *Science in the House 2018* se tibqa' miftuħa sa nofsillejl.

**Attachments: photos** 

3, CASTILLE PLACE, VALLETTA VLT 2000 Tel +(356) 2200 1700 Fax +(356) 2200 1775

**press.releases@gov.mt www.doi.gov.mt**